KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Id-Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 11**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Mallia
Mario Calleja
Maria Baldacchino
Antoine Vassallo

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vince Bonello
Carmen Borg

---

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**11.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

11.02.01 S'issa ma kienx hemm żviluppi relatati max-xogħlijiet fi Triq Ġużè Maria Camilleri.

11.02.02 Rigward Pjazza 7 ta' Ġunju, fil-preżent għadna qed nistennew risposti fuq il-cameras

11.02.03 Bħalissa għadha għaddejja l-ħidma fuq l-applikazzjoni tal-*obstical course* fl-iskola tal-Liċeo. Ġejna mitluba diversi dokumenti u affarijiet li se nkunu qed naħdmu fuqhom.

11.02.04 Rigward il-kampanja tal-parkeġġ tal-Liċeo kollox jinsab lest, inkluż il-video promozzjonali. Din il-kampanja għadha ma bdietx ħabba li fil-preżent għandna nuqqas ta' staff, però se tkun qed tibda fil-ġimgħat li ġejjin.

11.02.05 Fil-ġimgħat li ġejjin se tibda ħidma biex ikun jista' jinfetaħ ukoll il-parkeġġ tal-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli. Bħalissa il-Kunsill qed jistenna risposta fuq is-sistema tal-kameras.

11.02.05 Rigward ix-xogħlijiet fi Triq Atoċja, ġie ikkummissjonat survey tal-post. U dan intbagħat lill-Perit biex tiġi aġġornata il-BoQ. Se tkun qed tintbagħat l-applikazzjoni.

11.02.06 Ix-xogħolijiet tan-naħa tar-Rabbat u Triq is-Sewwieqa, waslu fit-tmiem tagħhom. Bħalissa għaddejjin l-aħħar xogħolijiet żgħar u jgħaddi d-dawl u tindif. L-ambjent ġie tassew sabiħ u komplut.

11.02.07 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se jkun qed jibda xogħol fix-xelters. Se jibda x-xogħol fuq ta' tindif f'dak li hemm fejn il-ħanut fil-kantuniera ta' Triq Cordina Peres. Wara jibda x-xogħol fuq l-oħrajn.

11.02.08 Is-Sindku reġa' nforma lill-Kunsilliera li kienu se jiġu ngaġġati żewġ persuni. L-ewwel persuna ingħażlet u hija is-Sa Sylvana Mifsud bħalissa għadha għaddejja fil-proċess li titgħallem is-sistemi u kollox pero mexjin 'il quddiem. Huwa qal li se nkomplu nħarsu 'l quddiem biex ikonna staff tajjeb u effiċenti.

11.02.09 Rigward l-audit tal-2022 għadu għaddej ix-xogħol fuqu, fejn suppost għandu jasal lejn it-tmiem tiegħu fil-ġimgħat li ġejjin.

11.02.10 Rigward ix-xogħolijiet tar-Roof Garden hemm hemm kwistjoni relatata, mal-pompa tal-ilma, fejn il-kuntrattur għandu jiġi bil-proposti. Ġiet diskussa ukoll kwistjoni fejn fit-tender, il-lift kien indikat li jkun ta' 8 persuni u b'5 bibien meta fil-fatt kien hemm tlett bibien, però ħabba li dan ra li kien għamel min-naħa tagħhom, filwaqt li jitħalla l-istess prezz, il-lift se jkun ta' tnax-il persuna.

11.02.11 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li jkun tajjeb jekk nibdew naħdmu fuq il-Ħamrun Hub biex jibda jkollna aktar wirjiet u avvenimenti fih.

11.02.12 Saret diskuzzjoni relatata mat-tenders li hemm bżonn li jsiru. Wieħed minnhom huwa dak tal-parkeġġ (Carpark), li bħalissa għaddejja l-ħidma fuqu u malli dan ikun lest se jkun qed jittella waqt laqgħa tal-Kunsill għall-approvazzjoni.

11.02.13 Tenders magħluqa li hawn bħalissa li jrid isir xogħol fuqhom huwa dawk tal-bulky refuse u tal-konvenjenza pubblika.

11.02.14 Ġie maqbul li dawn ikunu miftuħin, kemm fis-Sajf u kemm fix-Xitwa mis-7.30am sas-7.30pm, filwaqt li qed naraw il-possibilità li jkun mingħajr persuna preżenti (attendant). It-tender se jkun jgħid li wieħed jista' jikkwota lilhom ukoll imma jintużaw skond il-każ u l-bżonn.

11.02.15 Fuq dan, is-Sindku qal li hemm persuna li tagħmel parti mill-istaff li m'għandux influss ta' xogħol għalhekk se jkun hemm il-possibilità li dan jkun attendant magħha. Saret diskussjoni libera fuq dan fejn il-kunsill qabel li t-tender joħroġ bħala *cleaning* imma mingħajr attendant.

11.02.16 Rigward it-tender tal-bulky ġie maqbul li dan jiġbor tlett darbiet fil-ġimgħa u jiġbor mat-tletin oġġett. Il-Kunsill qabel fuq dan.

11.02.17 Is-Sindku informa lill-kunsillieri rigward skemi li ħarġu, fejn il-kunsill se jkun qed japplika għal-tnejn minnhom. Skema SPI/SCI/02/2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 / 2026. Il-Kunsill se jkun qed japplika għal Ħamrun Chocolate Festival, fejn il-massimu li jingħata se jkun dak ta' €20,000. Skema oħra hija dik relatata mal-festi tal-Milied SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025, fejn il-Kunsill qed jara l-possibilità li jsiru diversi attivitajiet għall-pubbliku. Din l-iskema għandha l-ammont ta' €15,000. Il-kunsill approva b'mod unanimu li japplika għal dawn l-iskemi.

11.02.18 Is-Sinku qal li kellem persuna li tista' tkun ta' għajnuna għall-attivitajiet tal-Milied. Dan se jkun qed jibgħat il-proposta tiegħu.

11.02.19 Is-Sindku qal li l-Karnival kien suċċess kbir. Qal li kien hawn ħafna nies li baqgħu il-Ħamrun tul l-attivita kollha. Saret diskussjoni fejn il-kunsill qed jara li jkun hawn attivta oħra relatata s-Sibt filgħaxija, li tkun immirata aktar għaż-żgħażagħ. Fuq dan se jkunu avviċinati Festivals Malta rigward il-possibilita ta' din. Il-Kunsill approva qabel.

11.02.20 Fuq dan il-punt, il-Kunsillier Mario Calleja qal li jkun sabiħ li jkun hawn aktar karrijiet, forsi dawn jibdew jiżdiedu minn sena għall-oħra. Is-sindku qal li tkun xi ħaġa sabiħa, filwaqt li qed jara li l-karnival fil-Ħamrun qed ikompli jikber minn sena għall-oħra.

**11.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.03.01 Is-Sindku informa lill-kunsillieri li ħarġet se oħra. L-ewwel li ħarġet kienet mal-Kunsilli, fejn applikat persuna waħda. Din il-persuna ġiet intervistata u l-bord ra li hija tajba għal din il-pożizzjoni. Il-bord ikkonferma dan wara li ra li għandha ukoll l-esperjenza meħtieġa, għalhekk il-bord tal-għażla ippropona biex din tiġi ingaġġata.

11.03.02 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn persuna li tixtieq tagħmel keepfit classes fis-Sala Joseph Zammit Cordina darba fil-ġimgha fejn hi se tkun qed titlob fee lil dawk li jmorru. Il-kunsill approva.

11.03.03 Rigward il-carpark, is-Sindku qal, apparti il-ħruġ tat-tender li ġie diskuss aktar kmieni, qal li hemm bżonn li ssir xi manutenzjoni. Dan ix-xogħol se jsir mill-ħaddiema tal-kunsill stess. Huwa qal li l-ħitan se jiġu miżbugħa kuluri differenti għal kull sular.

11.03.04 Is-Sindku qal li l-ammont ta' karozzi 'Y plate' fil-carpark huwa wieħed allarmanti. Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera biex jiġi maqbul x'inhu l-aħjar li jsir.

11.03.05 Il-Kunsillier Dr Antoine Vassallo qal li bħala kunsill jista' jimponi liġijiet jew inkella ikun hemm ħlas addizzjonali, però dan għandu jsir dejjem skond il-liġi.

11.03.06 Fuq din id-diskussjoni s-Sindku qal li l-kunsill għandu jara x'possibilitajiet hemm biex isir xi ħaġa qabel jinħareġ it-tender. Id-diskussjoni kompliet b'mod liberu, fejn il-kunsill qabel li naraw xi tgħid il-liġi, jiġu mitkellma kemm Transport Malta u kemm LESA.

11.03.07 Rigward skart, is-Sindku qal li l-kunsill ħaseb li joħloq sticker biex din titwaħħal ma' dak l-iskart li jkun ħareġ fil-ġurnata l-ħażina. Se jkun persuna mill-istaff li se jkun qed jara dan fit-toroq tagħna.

11.03.08 Waqt diskussjoni fuq ix-xogħol tal-kunsill, is-Sindku qal li hemm diversi xogħolijiet li jridu jsiru, li pero hemm bżonn il-finanzi għalihom, għalhekk dan ix-xogħol se jkun qed isir b'mod għaqli.

11.03.09 Fuq dan il-punt, is-Sindku fakkar lill-kunsillieri fuq id-dekasteri rispettivi tagħhom, fejn fakkar l-importanza li noħolqu attivitajiet u xogħol varju, filwaqt li nkunu kreattivi.

**11.04** **Ġimgħa Mqaddsa**

11.04.01 Is-Sindku qal li mal-Ħamrun se jkunu qed isiru diversi attivitajiet li l-Kunsill se jkun parteċipi fil-purċissjonijiet, wirjiet u anke għall-attività tal-Ħadd 5 ta' April, fejn isir pageant fit-toroq tan-naħa tal-Kunċizzjoni. Apparti dan il-

kunsill, għal darba oħra se jkun qed iwassal id-dramm tal-passjoni li se jsir nhar is-Sibt 12 ta' April.

11.04.02 Is-Sindku qal ukoll li se jkunu qed jintremaw slaleb fit-toroq prinċipali

**11.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

11.05.01 Il-Kunsillier Dr Antoine Vassallo, fakkar fuq l-attivita ta' San Ġirġor organizzata mir-Reġjun. Is-Sindku ikkonferma li il-kunsill se jkun qed jieħu ħsieb it-transport u informa ukoll lin-Nanniet Malta.

11.05.02 Il-Kunsilleri Jean Carl Agius Ciscaldi, qal li ġie avviċinat mis-Sur Massimo Borg biex isir kors tal-ħidma tal-presepji. Il-Kunsill approva u dan għandu jiġi mitkellem.

11.05.03 Rigward l-istedina għall-kunċert mill-Banda San Ġużepp f'Palermo, se jkun qed jattendi l-Kunsillier Mario Calleja.

11.05.04 Il-Kunsillier Mario Calleja, għadha r-ringrazzjamenti tiegħu mingħand persuna li trangala l-ispral li kien hemm fit-triq tiegħu. Huwa semma ukoll kien hemm persuna li ġibed l-attenzjoni li l-fanali qedin fuq naħħa waħda biss.

11.05.05 Is-Sindku qal li meta ġie pjanat dan il-proġett, it-trinek saru fuq iż-żewġ naħat, però kien hemm diskussjoni fejn jekk dawn isir fuq iż-żewġ naħat dawn ikunu hemm wisq, għalhekk għalissa huma fuq naħa waħda. Apparti dan, fuq in-naħa l-oħra jaf joħloq inkonvenjent biex wieħed jiftaħ il-bieba tal-karozza.

11.05.06 Il-Kunsilliera Maria Mallia tkellmet fuq stima li ġabet relatata mal-attività li se jkun qed ikun hemm is-sehem tal-għannejja. Erbgħa għannejja jieħdu €550 li tinkludi ukoll madwar €150 sistema tas-*sound*, tiġi tiswa madwar €700e. Hemm il-ħsieb li din issir fis-sajf, fi Pjazza San Pawl. Bħala dati tentattivi li għandhom jiġu approvati aktar 'il quddiem, huma is-6 ta' Ġunju, 20 ta' Ġunju, 11 ta' Lulju, 12 ta' Settembru u 19 ta' Settembru

**09.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

09.10.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 02.2025 ġiet approvata mill-Kunsillieri Aymen Grech Pace (Viċi Sindku) u sekondat mill-kunsilliera Maria Baldacchino.

**09.11 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**
Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 23 ta' April 2025, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv